MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 440/2013

**David Xuereb ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Compass Property Administration bhala amministratur ta' Lockestone Court Owners Association**

**vs**

**Vassallo & Xuereb Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti nomine fit-22 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' sitt mija u tmenin euro [€680] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-attur huwa l-amministratur ta' Savoy Gardens Block E Owners Association, li s-socjeta konvenuta tifforma parti minnha;

Illi s-socjeta konvenuta, bhala s-sid tal-appartamenti tlieta (3) u hamsa (5), naqset milli thallas il-pagamenti dovuti minnha bhala membru ta' Savoy Gardens Block E Owners Association ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' Savoy Gardens Block E, in kwantu sitt mija u tletin euro (€630) kif ukoll spejjez legali relattivi ta' hamsin ewro (€50);

Illi nonostante l-fatt li s-socjeta konvenuta kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-attur qieghed jitlob lil dana it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u tmenin ewro (€680) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-16 ta' Lulju, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija u tmenin euro [€680] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------